MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 265/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Grech**

**Il-Qorti**:

Din hi sentenza li, bi qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, hija applikabbli ghall-wiehed u erbghin appell (Appelli nri **257/09** sa **297/09**) minn daqstant sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kollha fis-7 ta' Lulju 2009 fil-konfront ta' Benjamin Grech, bin Felic u Mikelina Degabriele, imwieled fit-12 ta' Awwissu 1957, detentur tal-karta tal-identita` nru 609357M. Dawn is-sentenzi jirrigwardaw sejbien ta' htija skond l-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali, u cioe` talli, meta l-imsemmi Grech kien gie ordnat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17

ta' Frar 1999 (kopja ezibita fl-Appell nru 275/09, a fol. 9 sa 23) li jhallas manteniment lil martu Antonia Stirling ghaliha ghal binthom minuri, naqas milli jaghmel hekk. L-ammont ta' manteniment indikat f'kull wahda mill-wiehed w erbghin citazzjoni kien ta' hamsa w tletin lira (Lm35) fil-gimgha. Il-wiehed w erbghin citazzjoni ovvjament jirreferu ghall-manteniment ghal gimghat differenti, ibda minn dak dovut fid-29/6/03 fl-appell nru 257, sa dak dovut fl-4 ta' April 2004 fl-appell nru 297. L-appellant gie kkundannat mill-Qorti Inferjuri ghal diversi periodi ta' detenzjoni[1].

F'kull wiehed minn dawna l-appelli, l-aggravji huma identici. Pero`, kif gie verbalizzat minn din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2009[2] bi qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, din il-Qorti ser tillimita ruhha f''din is-sentenza ghall-aggravji li fir-rikorsi tal-appell huma indikati bl-ittri (d), (e), (f), u (g). L-aggravji bl-ittri (e), (f) u (g) huma, bazikament u in sintesi, li l-ewwel qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza fil-meritu, kif effettivament ghamlet, ghax il-provi kienu ghadhom ma nghalqux u d-difiza kienet ghadha ma ddikjaraxtx li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. L-aggravju indikat bl-ittra (d), invece, jirreferi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' xi whud mill-imputazzjonijiet.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghall-periodu bejn Gunju 2003 u April 2004, bic-citazzjoni fl-appell nru 257/09 tinhareg fl-1 ta' Awwissu 2003 u dik fl-appell nru 297/09 tinhareg fit-13 ta' April 2004. Minkejja li dawn huma kollha kawzi <u>sommarji</u>, damu aktar minn hames snin biex jigu decizi, b'sentenza wahda applikabbli ghall-kawzi kollha (u b'varjazzjoni zghira ghal dak li

---

[1] Appell nru 257/09 – 7 ijiem detenzjoni; 258/09 – 7 ijiem; 259/09 – 7 ijiem; 260/09 – 7 ijiem; 261/09 – 7 ijiem; 262/09 – 7 ijiem; 263/09 – 7 ijiem; 264/09 – 7 ijiem; 265/09 – 7 ijiem; 266/09 – 7 ijiem; 267/09 – 7 ijiem; 268/09 – 7 ijiem; 269/09 – 7 ijiem; 270/09 – 7 ijiem; 271/09 – 7 ijiem; 272/09 – 7 ijiem; 273/09 – 7 ijiem; 274/09 – 7 ijiem; 275/09 – 7 ijiem; 276/09 – 7 ijiem; 277/09 – 7 ijiem; 278/09 – 7 ijiem; 279/09 – 7 ijiem; 280/09 – 7 ijiem; 281/09 – 7 ijiem; 282/09 – 7 ijiem; 283/09 – 7 ijiem; 284/09 – 7 ijiem; 285/09 – 7 ijiem; 286/09 – 7 ijiem; 287/09 – 7 ijiem; 288/09 – 7 ijiem; 289/09 – 7 ijiem; 290/09 – 7 ijiem; 291/09 – 5 ijiem; 292/09 – 5 ijiem; 293/09 – 5 ijiem; 294/09 – 5 ijiem; 295/09 – 5 ijiem; 296/09 – 5 ijiem; 297/09 – 5 ijiem.

[2] Dawn il-wiehed u erbghin appell gew appuntati ghas-smigh ghall-21 ta' Awissu 2009, izda, fuq talba tal-Avukata Dott. Anna Mallia li qed tippatrocinja lill-appellant, stante li hija kienet ser tkun imsiefra bejn l-14 u s-26 ta' Awissu, dawn l-appelli gew riskedati ghas-7 ta' Settembru 2009.

jirrigwarda l-ammont dovut u l-piena erogata f'sebgha minnhom). Il-provi thallew jingiebu bis-sulluzzu flok, kif suppost f'kawzi sommarji, f'seduta wahda jew ghall-massimu tnejn. Wara li d-difiza, fi stadju inoltrat tal-proceduri (ara l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2005 u n-nota pprezentata fit-8 ta' Awwissu 2006[3]) eccepiet il-preskrizzjoni ta' xi whud mill-imputazzjonijiet u wara diversi udjenzi ohra u l-presentata ta' nota responsiva mill-parti civili, fil-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar 2007 hemm registrat *inter alia* hekk: *"Dr Mallia titratta dwar il-preskrizzjoni. Dr Claudine Zarb tirribatti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Marzu 2007"*. Fin-nuqqas ta' xi verbal li fih id-difiza iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq, huwa evidenti li s-sentenza li kellha tinghata f'kull wahda mill-wiehed u erbghin kawza kellha tkun limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux ukoll, kif effettivament gara, ghall-meritu u ghal punti ohra sollevati l-hawn u 'l hinn fid-diversi verbali precedenti. Fil-fatt quddiem din il-Qorti, fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2009, id-difiza u l-prosekuzzjoni qablu *"li effettivament ma hemm ebda verbal fl-atti tal-[kawzi]…li jindika li l-imputat kien iddikjara li ma ghandux aktar provi. Jaqblu wkoll – u din il-Qorti taqbel maghhom – li l-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar 2007 a fol. 106 fl-atti tal-appell nru 257/09 kjarament jindika li s-sentenza li kellha tippronunzja l-Qorti Inferjuri kellha tkun limitata ghall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni…"*. Ghalhekk l-aggravji tal-appellant li l-ewwel qorti malament ghaddiet ghas-sentenza (proprjament sentenzi) fil-meritu, u dana bi pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, huma fondati. Ghalhekk il-qorti ser tirrevoka s-sentenzi f'dawn l-appelli in kwantu ddecidew il-meritu u punti ohra li ma jaqghux fl-ambitu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mid-difiza quddiem il-Qorti Inferjuri.

Tibqa' biex tigi kkunsidrata biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kif jirruzulta mill-verbal tal-20 ta' Mejju 2005[4] u min-nota tat-8 ta' Awwissu 2006 gja msemmija, l-imputat quddiem l-ewwel qorti eccepixxa l-preskrizzjoni fir-

[3] Fol. 99 fl-atti tal-appell nru 257/09.
[4] Erroneament indikat fid-diversi processi bhala "20 ta' Mejju 2009".

rigward tal-imputazzjonijiet li jirreferu ghas-segwenti skadenzi:

- **manteniment dovut 16/11/03 – app. nru 277/09**
- **manteniment dovut 2/11/03 – app. nru 275/09**
- **manteniment dovut 9/11/03 – app. nru 276/09**
- manteniment dovut 4/1/03 [recte 4/1/04] – app. nru 284/09
- manteniment dovut 11/1/03 [recte 11/1/04] – app. nru 285/09
- manteniment dovut 18/1/04 – app. nru 286/09
- manteniment dovut 29/6/03 – app. nru 257/09
- manteniment dovut 6/7/03 – app. nru 258/09
- manteniment dovut 28/9/03 – app. nru 270/09
- menteniment dovut 6/10/03 [recte 5/10/03] – app. nru 271/09, u
- manteniment dovut 12/10/03 – app. nru 272/09.

Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament l-atti, inkluzi l-verbali u r-riferti ezibiti a fol 81 sa 83 fl-atti tal-appell nru 257/09, wara li skartat dawk ir-referti li kienu monki minhabba nuqqas ta' data li tindika meta c-citazzjoni giet effettivament moghtija lill-imputat, pero` wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll kemm il-hmistax-il jum imsemmi fil-paragrafu (*z*) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9, kif ukoll dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-istess Kodici Kriminali dwar is-sospensjoni tal-preskrizzjoni[5], tara li effettivament l-unici imputazzjonijiet li jirrizultaw preskritti (u dan principalment minhabba n-nuqqas, appena indikat, fir-riferta relattiva) huma l-imputazzjonijiet li jirreferu ghall-manteniment dovut fis-**16/11/03**, **2/11/03** u **9/11/03** (li llum jifformaw il-meritu tal-appelli nri 277/09, 275/09 u 276/09 – hawn fuq immarkati ***in bold***. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra senjalati mid-difiza, l-ewwel qorti kienet korretta meta rriteniet li l-preskrizzjoni ma kienitx iddekorriet.

[5] Jigi precizat li f'dawn il-kawzi kollha ma hemm ebda imputazzjoni ta' reat kontinwat.

Ghall-motivi premessi, tipprovdi dwar s-sentenzi appellati kollha – cioe` fl-appelli minn 257/09 sa 297/09, biz-zewg numri maghduda – billi:

(1) tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet li jirreferu ghall-manteniment dovut fis-16/11/03, 2/11/03 u 9/11/03 u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenzi fl-appelli nri 277/09, 275/09 u 276/09, u b’hekk tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet f’dawn it-tliet apppelli; u

(2) tirriforma s-sentenzi appellati l-ohra kollha billi, filwaqt li tikkonferma fejn dawn is-sentenzi cahdu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fir-rigward ta’ xi imputazzjonijiet ohra mhux imsemmija fil-paragrafu (1) hawn fuq, thassarhom u tirrevokahom fil-bqija u ghalhekk tibghat l-atti relattivi (cioe` dawk fl-appelli kollha ad eccezzjoni tal-appelli nri 277, 275 u 276) lura lill-Qorti Inferjuri sabiex din, wara li tisma’ l-provi, jekk ghad hemm x’jinstemghu, ta’ parti jew ta’ ohra, tiddeciedi l-kawzi, ghajr ghall-kwistjoni tal-preskrizzjoni gja sollevata, skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------